



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 52/25

il-Lussemburgu, 29 ta' April 2025

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-181/23 | Il-Kummissjoni vs Malta (Ċittadinanza b'investment)

Ċittadinanza tal-Unjoni: l-iskema Maltija ta' ċittadinanza b'investment tmur kontra d-dritt tal-Unjoni Ewropea

Il-kisba ta' ċittadinanza tal-Unjoni ma tistax tirriżulta minn tranżazzjoni kummerċjali

Għalkemm id-definizzjoni tal-kundizzjonijiet għall-għoti u għat-telf tan-nazzjonalità ta' Stat Membru taqa' taħt il-kompetenza nazzjonali, din il-kompetenza għandha tiġi eżerċitata b'osservanza tad-dritt tal-Unjoni. Ir-rabta ta' nazzjonalità ma' Stat Membru hija bbażata fuq relazzjoni speċifika ta' solidarjetà, ta' lealtà u ta' reċiproċità tad-drittijiet u tad-dmirijiet bejn l-Istat u ċ-ċittadini tiegħu. Meta Stat Membru jagħti n-nazzjonalità, u għalhekk awtomatikament iċ-ċittadinanza tal-Unjoni, bi skambju dirett ta' investimenti jew ta' pagamenti ddeterminati minn qabel permezz ta' proċedura tranżazzjonali, huwa manifestament jikser dawn il-prinċipji. Tali "kummerċjalizzazzjoni" tal-istatus ta' ċittadin hija inkompatibbli mal-kunċett fundamentali ta' ċittadinanza tal-Unjoni ddefinit mit-Trattati. Hija tikser il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali u tipperikola l-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri fir-rigward tal-għoti tan-nazzjonalità tagħhom, li kellha influwenza determinanti fuq l-istabbiliment ta' ċittadinanza tal-Unjoni fit-Trattati.

Wara emenda tal-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija f'Lulju 2020, Malta adottat leġiżlazzjoni ¹ li kienet tiddetermina l-modalitajiet għall-kisba ta' "Ċittadinanza Maltija permezz ta' Naturalizzazzjoni għal Servizzi Eċċezzjonali b'Investment Dirett" (l-iskema ta' ċittadinanza b'investment tal-2020) ². Fil-kuntest ta' din l-iskema, l-investituri barranin setgħu jitolbu li jiġu nnaturalizzati meta kienu jissodisfaw ċertu numru ta' kundizzjonijiet, prinċipalment ta' natura finanzjarja.

Il-Kummissjoni qieset li din l-iskema, li kienet tagħti n-naturalizzazzjoni bi skambju għal pagamenti jew għal investimenti ddeterminati minn qabel lil persuni mingħajr rabta ġenwina ma' Malta, kienet tikkostitwixxi ksur tar-regoli dwar iċ-ċittadinanza tal-Unjoni ³ u tal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali ⁴. Għalhekk hija ppreżentat rikors kontra dan l-Istat Membru quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li, billi stabbilixxiet u implimentat l-iskema ta' ċittadinanza b'investment tal-2020, li tixbah kummerċjalizzazzjoni tal-għoti tan-nazzjonalità ta' Stat Membru u, b'estensjoni, tal-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni, Malta kisret id-dritt tal-Unjoni.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar li kull Stat Membru huwa liberu li jiddefinixxi l-kundizzjonijiet li taħthom huwa jagħti jew jirtira n-nazzjonalità tiegħu. Madankollu, din il-libertà għandha tiġi eżerċitata b'osservanza tad-dritt tal-Unjoni Ewropea. Fil-fatt, la t-test tat-Trattati u lanqas l-istruttura tagħhom ma jippermettu li tiġi dedotta minnhom rieda, min-naħa tal-awturi tagħhom, li tiġi prevista, fir-rigward tal-għoti tan-nazzjonalità ta' Stat Membru, eċċezzjoni għall-obbligu li jiġi osservat id-dritt tal-Unjoni.

Iċ-ċittadinanza Ewropea tiggarantixxi l-moviment liberu fi f'dan spazju komuni ta' libertà, sigurtà u ġustizzja. Dan l-ispace komuni huwa bbażat fuq żewġ prinċipji essenzjali: il-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri u r-rikonoxximent reċiproku tad-deċiżjonijiet nazzjonali. Iċ-ċittadinanza Ewropea tinkorpora solidarjetà fundamentali bejn l-Istati Membri, ibbażata fuq għadd ta' impenji reċiproċi. Kull Stat Membru għandu għalhekk jastjeni minn kwalunkwe

miżura li tkun tista' tikkomprometti l-għanijiet komuni tal-Unjoni, konformement mal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali.

Konsegwentement, **Stat Membru ma jistax jagħti n-nazzjonalità tiegħu — u, fil-fatt, iċ-ċittadinanza Ewropea — bi skambju għal pagamenti jew għal investimenti ddeterminati minn qabel, peress li dan ifisser, essenzjalment, li l-akkwist tan-nazzjonalità jsir sempliċi tranżazzjoni kummerċjali. Tali Prattika ma tippermettix li tiġi stabbilita r-rabta ta' solidarjetà u ta' lealtà neċessarja bejn Stat Membru u iċ-ċittadini tiegħu, u lanqas li tiġi żgurata l-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri, u għalhekk tikkostitwixxi ksur tal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali.**

NOTA: Il-Kummissjoni jew Stat Membru jistgħu jippreżentaw rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, dirett kontra Stat Membru ieħor li jkun naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt id-dritt tal-Unjoni. Jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, l-Istat Membru kkonċernat ikollu jikkonforma ruħu mas-sentenza fl-iqsar żmien possibbli.

Meta l-Kummissjoni tqis li l-Istat Membru ma jkunx ikkonforma ruħu mas-sentenza, hija tista' tippreżenta rikors ġdid li bih titlob sanzjonijiet pekunjarji. Madankollu, fil-każ li ma jiġux ikkomunikati l-miżuri ta' traspożizzjoni ta' direttiva lill-Kummissjoni, fuq proposta ta' din tal-aħħar, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' timponi sanzjonijiet sa mill-ewwel sentenza.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ u, fejn applikabbli, is-sommarju](#) tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106.

Ibqgħu konnessi!



¹ Ir-Regolamenti dwar l-Għoti ta' Ċittadinanza għal Servizzi Eċċezzjonali tal-2020, adottati f'Novembru 2020, konformement mal-Artikolu 10(9) tal-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija, kif emendat bl-Att tal-2020 li jemenda l-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija.

² It-Taqsima III u t-Taqsima IV tar-Regolamenti tal-2020 kienu jinkludu regoli ddettaljati li jirregolaw l-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għal naturalizzazzjoni għal servizzi eċċezzjonali abbażi tal-mertu u abbażi ta' investimenti diretti fl-iżvilupp ekonomiku u soċjali ta' Malta.

³ Artikolu 20 TFUE.

⁴ Artikolu 4(3) TUE.